

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Dokument ta' sessjoni*

**A6-0187/2009**

25.3.2009

## **REPORT**

dwar il-Governanza fi ħdan il-Politika Komuni dwar is-Sajd: il-Parlament Ewropew, il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u atturi oħra (2008/2223(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur għal opinjoni: Elspeth Attwooll

PR\_INI

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	8
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	10

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar il-Governanza fi ħdan il-Politika Komuni dwar is-Sajd: il-Parlament Ewropew, il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u atturi oħra (2008/2223(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 657/2000 tas-27 ta' Marzu 2000 dwar djalogu eqreb mas-settur tas-sajd u ma' gruppi milquta mill-politika komuni tas-sajd<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 71/128/KEE, 1999/478/KE u 2004/864/KE,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/619/KEE, imġedda fl-2005 mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/629//KE,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 74/441/KEE u 98/500/KE,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd<sup>3</sup> kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/409/KE tal-11 ta' Ġunju 2007<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-17 ta' Ġunju 2008 bl-isem “Analiżi ta' l-operat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali” (COM(2008)0364 finali),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0187/2009),
- A. billi l-governanza istituzzjonali tal-Politika Komuni dwar is-Sajd tinvolve l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akwakultura (ACFA), il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF), il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali għas-Sajd fil-Baħar (SSDC) u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs),
- B. billi l-governanza tal-Politika Komuni dwar is-Sajd tinvolve wkoll l-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri,

---

<sup>1</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>2</sup> ĠU L 80, 31.3.2000, p. 7.

<sup>3</sup> ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17.

<sup>4</sup> ĠU L 155, 15.6.2007, p. 68.

- C. billi l-Komunità tipparteċipa f'diversi Organizzazzjonijiet għas-Sajd Reġjonali u qed jiġu konklużi wkoll Ftehimiet ta' Sħubija għas-Sajd ma' pajjiżi terzi,
- D. billi, skont it-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament Ewropew se jibqa' jkun eskluż mill-istabbiliment tat-TACs (Qabda Totali Permessa) u l-kwoti,
- E. billi l-attendenza ta' Membri tal-Parlament waqt il-laqgħat tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għas-Sajd huma attwalment fuq bażi ad hoc,
- F. billi l-komunikazzjoni li tikkonċerna l-operat reali tal-ftehimiet ta' Sħubija għas-Sajd, inklużi l-attivitàjiet tal-Kumitati ta' Monitoraġġ Konġunt, tista' tkun aktar sodisfaċenti,
- G. billi l-STEFCF ġie stabbilit fl-1993, il-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd ġie stabbilit fl-1971, u ngħata l-isem ġdid ta' AFCA fl-1999, u l-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali għas-Sajd fil-Baħar ġie stabbilit fl-1999, meta ssostitwixxa Kumitat Konġunt li kien ilu jeżisti mill-1974,
- H. billi s-seba' RACs bħalissa kollha qegħdin jaħdmu,
- I. billi ġie stabbilit Kumitat Inter-RAC u dan iwettaq laqgħat ta' koordinazzjoni mal-Kummissjoni,
- J. billi l-Kummissjoni dan l-aħħar wettqet evalwazzjonijiet tal-AFCA u tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, imma s'issa ma wettqet l-ebda evalwazzjoni tal-ħidma tal-STEFCF,
- K. billi l-evalwazzjoni tal-AFCA għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet operazzjonali u ssuġġeriet diversi għażliet għall-futur fit-tul tiegħu,
- L. billi l-evalwazzjoni tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kienet pożittiva, imma l-Kummissjoni identifikat għadd ta' azzjonijiet, li ma jirrikjedux leġislazzjoni ġdida, biex jittejjeb l-operat tagħhom,
- M. billi l-partijiet kollha qablu li hemm bżonn ta' djalogu aktar b'saħħtu bejn ix-xjenzjati u s-sajjieda u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali wkoll talbu li jkun hemm input soċjoekonomiku aħjar fit-teħid tad-deċiżjonijiet,
- N. billi ċerti Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u Membri tal-Parlament esprimew ix-xewqa li jkun hemm relazzjoni aktar formali,
- O. billi l-attività li qed tiżdied min-naħa tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali qed tkun mxekkla minn fondi limitati u mill-approċċ burokratiku u inflessibbli wisq tal-Kummissjoni għall-immaniġġjar u l-kontroll finanzjarju fir-rigward tal-fondi allokatilhom,
- P. billi l-Kummissjoni qalet li se tisma' l-fehmiet tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u ta' dawk li għandhom interess fil-qasam qabel ma tintroduċi regoli legali ġodda,
- Q. billi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni sikwit jonqsu milli jattendu l-laqgħat tal-grupp tal-ħidma tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali,

- R. billi, madankollu, diġà hemm evidenza li jkun hemm aktar konformità mar-regoli tal-Politika Komuni dwar is-Sajd meta dawk li għandhom sehem fil-qasam ikunu involuti fil-ħolqien u fl-implimentazzjoni tagħhom,
- S. billi hemm kwantità kbira ta' żoni Komunitarji fejn isir sajd kummerċjali, u kull waħda minnhom għandha l-karatteristiċi tagħha,
- T. billi diġà qed iseħħu konsultazzjonijiet dwar ir-riforma tal-Politika Komuni dwar is-Sajd,
- U. billi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali mhux dejjem jingħataw attenzjoni xierqa, b'mod speċjali meta ma jkunux ġew approvati b'mod unanimu mill-kumitati eżekuttivi,
1. Jitlob biex il-membri tal-Kumitat għas-Sajd tiegħu jingħataw l-istatus ta' osservaturi waqt il-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri għas-Sajd;
  2. Jitlob li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament biex iwettqu x-xogħol meħtieġ biex jintlaħaq ftehim ġenwin li jstipula l-forom standard ta' parteċipazzjoni għall-membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament fl-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tas-sajd reġjonali (regional fisheries management organisations -RFMOs) u korpi internazzjonali oħra li l-laqgħat tagħhom huma ddedikati għal diskussjoni ta' suġġetti li jaffettwaw il-Politika tas-Sajd Komuni, bl-intiża li dan m'għandu bl-ebda mod ixekkel l-istatus preżenti tagħhom ta' osservaturi f'laqgħat li għalihom ikun ġie miftiehem dan l-arrangement;
  3. Jitlob ukoll lill-Kunsill, bi qbil mal-Kummissjoni u l-Parlament, sabiex jippermetti l-membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament biex iservu fil-Kumitati Konġunti mwaqqfa fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd, biex ikun possibbli li jitwettaq segwitu adegwat ta' dawn il-ftehimiet; b'żieda ma' dan isemmi li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona iġib miegħu responsabilitajiet akbar għall-Parlament, minħabba li l-ftehimiet ta' sħubija jkollhom jiġu approvati permezz tal-proċedura ta' kunsens;
  4. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza li jkun żgurat li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni jattendu l-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma u tal-kumitati eżekuttivi tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali b'mod aktar regolari;
  5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tavża lill-Parlament dwar il-konsultazzjonijiet kollha li qed iseħħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-Politika Komuni dwar is-Sajd u l-politika marittima;
  6. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni tal-STEFCF;
  7. Jinnota r-riżultat tal-evalwazzjoni tal-AFCA u li l-Kummissjoni qed tistenna r-rakkomandazzjonijiet tal-AFCA innifsu dwar:
    - definizzjoni aktar ċara tal-irwol u l-oġettivi tiegħu, b'kompożizzjoni rappreżentattiva li tirriflettihom b'mod xieraq u li tkun verament rappreżentattiva, u parteċipazzjoni aħjar mill-Istati Membri aktar ġodda;

- il-metodi ta' ħidma tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim tal-attivitajiet bejn il-laqgħat plenarji u l-gruppi ta' ħidma, l-għadd u l-mandati tagħhom, u l-proċeduri tagħhom;
  - formulazzjoni aħjar tal-mistoqsijiet indirizzati lilu;
  - titjib tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni permezz tal-midja elettroniċi, ta' aċċess aktar dirett għad-data u faċilitajiet imtejba ta' traduzzjoni u interpretazzjoni;
  - livell xieraq ta' fondi u l-aħjar mezzi biex jiġu sostnuti l-funzjonijiet ta' appoġġ;
8. Jenfasizza l-importanza li jkun evitat l-irdoppjar, b'mod partikulari mal-ħidma tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali,
9. Jinnota li s-settur tas-sajd għadu ma jitqisx li għandu vuċi suffiċjenti fid-deċiżjonijiet li jaffettwawh; jinnota d-differenzi f' termini ta' rwoli u ħidma, bejn l-ACFA u l-RACs, minħabba li l-ACFA għandu rwol konsultattiv li jinkludi s-CFP kollha u jkopri ż-żona Komunitarja kollha, filwaqt li l-irwol tal-RACs huwa li jagħtu parir speċjalizzat fi ħdan il-kamp ta' influwenza tagħhom; għaldaqstant iqis li l-koeżistenza tal-korpi konsultattivi differenti tgħin biex tiġi żgurata kompatibilità mal-politika marittima u tal-baħar, u l-immaniġġjar integrat taż-żoni kostali;
10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu l-azzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali:
- iżżid il-viżibilità tagħhom u titħeġġeġ il-parteċipazzjoni minn firxa usa' ta' persuni li għandhom interess fil-qasam;
  - ittejjeb l-aċċess tagħhom għal evidenza u data xjentifika u r-relazzjoni mal-STEFCF;
  - tinvolvihom kemm jista' jkun minn kmieni fil-proċess ta' konsultazzjoni;
  - tipprovi punti ta' referenza (benchmarks) li jippermettu evalwazzjoni tal-konsistenza tal-pariri tagħhom mal-oġettivi tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jkun informati dwar l-użu li jsir minnhom;
11. Jikkunsidra li l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali attwalment mhumieq ifffinanzjati biżżejjed għal-livell ta' xogħol li qed iwettqu; jinnota li l-Kummissjoni ħarġet linji gwida dwar l-immaniġġjar finanzjarju imma jemma li hemm bżonn ta' dialogu ulterjuri f'dan ir-rigward u li għandhom jiġu esplorati l-alternattivi għas-sistema attwali;
12. Jemma li aktar parteċipazzjoni fil-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali tirrikjedi reviżjoni tal-kompożizzjoni tagħhom imma li l-bilanċ attwali bejn l-industrija tas-sajd u organizzazzjonijiet oħra m'għandhiex tiġi mfixkla;
13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li xi organizzazzjonijiet li fl-RACs iservu bħala 'gruppi ta' interess oħrajn' repetutament jieħdu vantaġġ mill-preżenza tagħhom, anke jekk ikunu fil-minoranza, biex iwaqqfu deċiżjonijiet appoġġjati minn maġġoranza ta' rappreżentanti tas-settur tas-sajd u jostakolaw it-teħid ta' deċiżjonijiet b'konsensus;
14. Jappella biex ikun hemm rabtiet eqreb bejn il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u l-Parlament, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;
15. Jappella sabiex id-deċiżjonijiet tekniċi u politiċi jkunu separati; Id-deċiżjonijiet politiċi għandhom jiġu adottati b'approċċ reġjonali u d-deċiżjonijiet tekniċi b'approċċ xjentifiku;

16. Jitlob lill-Kumitat għas-Sajd sabiex, suġġett għall-proċeduri ta' approvazzjoni statutorja:
- jaħtar membru/i tal-Kumitat bħala persuna(i) ta' kuntatt għal kull Kunsill Konsultattiv Reġjonali u biex jirrapporta/jirrapportaw dwar l-attivajiet tiegħu;
  - jiżgura li l-RACs ikunu mistiedna sabiex jieħdu sehem fi ħdan il-Kumitat tas-Sajd b'ċerta regolarità jew, partikolarment, meta l-aġenda tkun tkopri kwistjonijiet li fihom ikunu involuti, sabiex ikunu jistgħu jagħtu pariri jew rakkomandazzjonijiet,
  - jistabbilixxi proċedura biex jiġi żgurat li s-segretarjati tal-Kumitat dwar is-Sajd, l-RACs, u l-Kumitat Inter-RAC jibqgħu f'kuntatt regolari bl-iskop li jagħmlu skambju u għbir ta' informazzjoni relatata mal-attivajiet, il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom,
  - jospita konferenza annwali li tinvolvi lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u lill-Kummissjoni;
17. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji biex jallokaw fondi adegwati għal dan t'hawn fuq;
18. Jitlob lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali biex iżommu lill-membri tal-Kumitat għas-Sajd informati dwar l-attivajiet, il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom u biex jistidnuhom biex jattendu waqt il-laqgħat;
19. Jitlob biex kull leġiżlazzjoni futura dwar il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali tagħti lill-Membri tal-Parlament Ewropew l-istatus formali ta' osservaturi attivi waqt il-laqgħat tagħhom;
20. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Inter-RAC biex jagħtu l-kunsens tagħhom biex il-membri tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament ikunu jistgħu jattendu għal-laqgħat ta' koordinazzjoni tagħhom;
21. Jenfasizza l-importanza tal-Politika Komuni dwar is-Sajd bħala mezz biex tiġi żgurata l-eżistenza ta' standards, prinċipji u regoli li huma applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji kollha u għall-bastimenti Komunitarji kollha;
22. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex taċċetta u tirrispetta bis-sħiħ l-irwol konsultattiv tal-RACs u sabiex, fid-dawl tar-riforma tal-PKS, tipproponi li l-involviment tagħhom fir-responsabilitajiet ta' tmexxija jiżdiedu;
23. Jemmen ukoll li r-riforma li ġejja tal-PKS għandha tiegħu l-opportunità li l-konsolidazzjoni tal-RACs qed tipprovdilha sabiex tiżdied id-deċentralizzazzjoni tal-PKS, sabiex il-miżuri komuni adottati jistgħu jiġu applikati fiż-żoni differenti b'konformità mal-karatteristiċi speċifiċi ta' sajd u ta' kundizzjonijiet ta' sajd differenti;
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, lill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akwalkultura, lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd, lill-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali għas-Sajd fil-Baħar u lill-gvernijiet u lill-parlamenti fl-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-governanza istituzzjonali tal-Politika Komuni dwar is-Sajd tinvolvi, apparti lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament, lil diversi entitajiet bħall-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Eknomiku dwar is-Sajd (STECF), il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akwakultura (ACFA), il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali għas-Sajd fil-Baħar (SSDC) u l-Kumitati Konsultattivi Reġjonali. Anke l-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom irwol fl-għoti ta' opinjonijiet. Il-governanza fil-Politika Komuni dwar is-Sajd tinvolvi wkoll l-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.

L-iżvilupp tal-liġi u tal-politika hu influwenzat ukoll minn input dirett minn dawk kollha fis-settur industrijali li għandhom sehem fil-qasam, jew individwalment jew permezz ta' organizzazzjonijiet koordinattivi bħal COCEGA, Europêche u FEAP, minn organizzazzjonijiet għall-konsumatur u minn NGOs oħra, partikolarment dawk b'interess fl-ambjent, u, b'mod inqas, mill-imsieħba soċjali.

IL-governanza tal-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha titqies ukoll fil-kuntest ta' żviluppa fuq skala akbar, bħal dawk tal-politika marittima integrata, l-estensjoni ta' Natura 2000 għall-ambjent tal-baħar u ċaqliq lejn immaniġġjar integrat taż-żoni kostali. F'dan il-kuntest tal-aħħar, jista' jkun li l-Politika Komuni dwar is-Sajd ikollha tibbilanċja l-interessi tas-sajd ta' qabda mal-akwakultura, u anke tqis l-interessi ekonomiċi li huma f'kunflitt, bħall-produzzjoni tal-enerġija.

Storikament, il-Politika Komuni dwar is-Sajd għet mikromaniġġjata miċ-ċentru u kienet suġġetta għal kritika minħabba approċċi ta' "one size fits all" u "top down" li ma ffaċilitawx il-konformità. Mir-riforma tal-2002, dan inbidel, b'ħafna aktar involviment minn dawk li għandhom sehem fil-qasam, speċifikament permezz tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, li ġew stabbiliti l-ewwel fl-2004. Fl-2007, ġew indikati bħala entitajiet li jseguw għan ta' interess Ewropew ġenerali, fatt li ppremetta li l-fondi tagħhom jingħataw bażi aktar solida.

Is-seba' Kunsilli Konsultattivi Reġjonali mbassra fil-leġiżlazzjoni issa qegħdin operattivi u jseħħu laqgħat Inter Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, inkluża l-laqgħa ta' koordinazzjoni mal-Kummissjoni. Apparti milli jagħtu pariri dwar kwistjonijiet li jaffetwawhom direttament, il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jaħdmu wkoll ma' entitajiet oħra, pereżempju l-laqgħa konġunta Inter Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u AFCA li saret fi Brussell f'April 2008. Rappreżentant tal-AFCA wkoll għandu d-dritt li jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali bħala osservatur attiv.

L-evalwazzjoni li saret dan l-aħħar mill-Kummissjoni dwar il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kienet waħda pożittiva imma huwa ċar li ċertu kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' fondi, kompożizzjoni u żona ta' kopertura għad iridu jissolvew u li hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex tittejjeb il-viżibilità tagħhom, il-proċeduri ta' konsulenza tagħhom u l-aċċess li għandhom għal evidenza xjentifika.

Wara li għidna dan kollu, huwa ċar li l-involviment aktar mill-qrib ta' dawk li għandhom sehem fil-qasam qed ikollu effett benefiku, kif jixhdu, pereżempju, il-qbil volontarju tas-sajjieda Skoċċiżi li jagħlqu ż-żoni fejn hemm abbondanza ta' bakkaljaw zġhir u d-deċiżjoni



tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Baħar tat-Tramuntana biex jipprojbixxi r-rimi ta' bakkaljaw kummerċjabbli.

L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-AFCA qajmet diversi dubji kemm dwar l-oġettivi, il-kompożizzjoni u l-proċeduri tiegħu u anke dwar l-irwol li għandu jkollu fuq perjodu ta' żmien itwal. Qed jiġi ssuġerit li dan tal-aħħar għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-iżvilupp tal-politika marittima integrata, b'mod li jkun evitat li l-ħidma tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali tiġi rduppjata imma li jippermetti relazzjoni mill-qrib f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet.

Il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali esprimew xewqa għal aċċess aħjar għal pariri soċjali u ekonomiċi kif ukoll għal pariri xjentifiċi. F'dan il-kuntest, ikun ta' għajjnuna jekk il-Kummissjoni tinvolvi ruħha wkoll f'evalwazzjoni tal-STEFCF u jekk ikunu jistgħu jiġu żviluppanti kuntatti eqreb mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Uħud mill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u l-koordinaturi tal-Kumitat għas-Sajd ukoll esprimew xewqa li tiġi stabbilita relazzjoni aktar formalizzata. Indikazzjonijiet tal-mod kif din tkun tista' tiġi żviluppata jinsabu fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni.

Fil-fehma tar-Rapporteur, it-titjib li diġà rriżulta mill-involviment ta' dawk li għandhom sehem fil-qasam jindika riforma futura tal-Politika Komuni dwar is-Sajd li tinvolvi deċentralizzazzjoni radikali sabiex il-miżuri jitfasslu għal żoni ta' sajd kummerċjali f'inħawi speċifikat, skont il-kundizzjonijiet fihom. IL-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom ikunu fil-qalba ta' din id-deċentralizzazzjoni.

Waq t li l-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tibqa politika komuni f'dak li għandu x'jaqsam mal-miri u l-oġettivi tagħha u r-regolament, l-amministrazzjoni u s-sorveljanza ġenerali tagħha, l-immaniġġjar innifsu għandu jiġi devolut progressivament lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, bl-intenzjoni li f'dan ir-rigward ikollhom irwol sħiħ sa meta tkun fis-seħħ ir-riforma li ġejja tal-Politika Komuni dwar is-Sajd.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.3.2009
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 15 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elspeth Attwooll, Marie-Hélène Aubert, Iles Braghetto, Luis Manuel Capoulas Santos, Paulo Casaca, Emanuel Jardim Fernandes, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Daniel Hannan, Ian Hudghton, Heinz Kindermann, Rosa Miguélez Ramos, Philippe Morillon, Struan Stevenson, Margie Sudre